MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 202/2006

**Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet moghti mit-Tribunal fit-28 ta' Novembru 2007 isem is-socjeta' attrici irid jinqara GO p.l.c. minfok Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Carmen Bonavia bhala eredi
ta' Joseph Bonavia I.D. 191563 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Marzu 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s- somma ta' elfejn disa` mija u wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€2921.92), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta ppresentata fit-30 ta' Marzu 2008.

Ra illi l-kawza thalliet sine die fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2007 u regghet gie ri-appuntata wara rikors maghmul mis-socjeta` attrici.

Ra illi l-konvenuta regghet giet notifikata fil-25 ta' Lulju 2008 bl-Avviz tas-smiegh.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa` mija u wiehed u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€2921.92), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------